

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 710/2013

tal-24 ta' Lulju 2013

dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ⁽¹⁾, u speċjalment l-Artikolu 9(1)(a) tiegħu,

Billi:

- (1) Biex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, huwa meħtieġ li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament.
- (2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kwalunkwe nomenklatura oħra li hija bbażata, parzjalment jew kollha kemm hi fuqha, jew li żżid kwalunkwe subdiviżjoni magħha u li hija stabbilita b'dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Unjoni, bil-għan tal-applikazzjoni ta' tariffi u miżuri oħra relatati mal-kummerċ tal-oġġetti.
- (3) Skont dawn ir-regoli ġenerali, il-prodotti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella li tinsab fl-Anness għandhom jiġu kklassifikati taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2), minħabba r-raġunijiet stabbiliti fil-kolonna (3) ta' din it-tabella.

(4) Huwa xieraq li jkun stipulat li informazzjoni li torbot dwar it-tariffa u li nħarġet mill-awtoritajiet tad-dwana tal-Istati Membri rigward il-klassifikazzjoni ta' oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda, iżda li mhijiex skont dan ir-Regolament, tkun tista', għal perjodu ta' tliet xhur, tibqa' tkun invokata mid-detentur, skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità ⁽²⁾.

(5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-oġġetti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella mniżżla fl-Anness ikunu kklassifikati fin-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2) ta' din it-tabella.

Artikolu 2

Informazzjoni vinkolanti dwar it-tariffa, maħruġa mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li mhijiex skont dan ir-Regolament, tista' tkompli tkun invokata għal perjodu ta' tliet xhur skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Lulju 2013.

Għall-Kummissjoni,
F'isem il-President,
Algirdas ŠEMETA
Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1.

ANNEX

Deskrizzjoni tal-oġġetti	Klassifikazzjoni (Kodiċi NM)	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
<p>Apparat (hekk imsejħa "riċevitur tal-kanali b'messaġġi dwar it-traffiku (TMC)") li jinkludi riċevitur tal-FM, kejbil tal-antenna (antenna) u provvista ta' enerġija. Dan ikun mgħammar b'konnettur USB.</p> <p>L-apparat jirċievi sinjali telemetriċi li jkun fihom informazzjoni dwar it-traffiku bl-użu ta' kanal ta' messaġġi dwar it-traffiku permezz ta' frekwenza FM tax-xandir bir-radju. L-apparat jiġi konness permezz ta' konnettur USB ma' sistema ta' riċezzjoni ta' pożizzjonament globali (GPS), li tipproċessa s-sinjali telemetriċi riċevuti u li juri l-informazzjoni tat-traffiku fuq l-iskrin.</p> <p>L-apparat ma jirċivix sinjali ta' xandir tal-ħoss.</p>	8517 69 39	<p>Il-klassifikazzjoni hija ddeterminata mir-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda u mit-test tal-kodiċi tan-NM 8517, 8517 69 u 8517 69 39.</p> <p>Peress li l-apparat jaħdem biss meta jiġi konness ma' GPS, b'mod li jżid il-funzjonalità tal-GPS, jitqies bħala aċċessorju ta' GPS u għandu għalhekk jiġi kklassifikat fuq il-merti tiegħu stess.</p> <p>L-apparat ma jirċivix sinjali ta' xandir tal-ħoss. Għaldaqstant, il-klassifikazzjoni taħt l-intestatura 8527 bħala apparat ta' riċezzjoni ta' xandir bir-radju hija eskluża.</p> <p>L-apparat ma jinġarrx peress li jaħdem biss meta jiġi konness ma' GPS. Barra minn hekk, l-apparat ma jistax waħdu jwettaq il-funzjoni ta' sejħa, ta' twiddib jew ta' ippejġjar peress li huwa biss jirċievi sinjali telemetriċi. Għaldaqstant, il-klassifikazzjoni taħt is-sottointestatura 8517 69 31 bħala riċevituri li jinġarru għal sejħiet, twiddib jew ippejġjar hija eskluża.</p> <p>Għalhekk l-apparat għandu jiġi kklassifikat taħt il-kodiċi tan-NM 8517 69 39 bħala tagħmir ieħor għat-trasmissjoni jew riċezzjoni ta' vuċi, immaġni jew forom ta' data oħra, inkluż apparat għal komunikazzjoni f'network ikkollegat bil-wajer jew network bla fil (ara wkoll in-noti ta' Spjegazzjoni tan-NM għas-subintestatura 8517 69 39, punt 6).</p>